MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 132/2014

**Valfracht Shipping Co Ltd u David Jones**

**Vs**

**Registratur tal-Kumpaniji**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti fejn esponew:

Illi huwa gie nnotifikat permezz ta' ittra ufficjali, datata 13 ta' Marzu, 2014, sabiex ihallas l-ammont pretiz ta' €2236.34 (elfejn mitejn sitta u tlettin punt erbgha u tletin euro) bhala penali amministrattiva imposta taht art 427(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji;

Illi dan l-ammont mhux dovut skont il-ligi in vista tal-fatt li l-esponent jinsab fil-process li jirregolarizza l-posizzjoni tieghu tramite s-socjeta' KPMG, fejn, skont, informazzjoni moghtija lilu mill-istess socjeta' KPMG, l-ammont indikat bhala penali, m'huwiex dovut, anke ghaliex il-mod li bih tali penali gew ikkwantifikati m'huwiex korrett oltre milli m'huwiex minnu li l-esponent qatt ircieva ebda avviz jew pre avviz f'dan ir-rigward oltre dikjarazzjoni li, konsegwentement, l-ittra ufficjali surreferita ma tikkostitwixxix titolu ezekuttiv fil-konfront tal-esponent;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Qorti toghgobha tordna lill-intimat jiddesisti milli jipprocedi kontra l-esponent.

Rat ir-risposta guramentata tar-Registratur tal-Kumpanniji fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament ir-rikors odjern huwa null ghaliex:
    a. Skont l-Artikolu 401(14) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta r-rikors ghandu jkun guramentat;
    b. Ai termini tal-Artikolu 174(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-isem tal-Qorti mhux komplut;
    c. Ai termnini tal-Artikolu 174(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ir-rikors jonqos milli jispecifika f'liema kapacita' qed jibbaza t-talbiet tieghu David Jones (KI: 7252432M);
    d. Ai termini tal-Artikolu 174(2)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ir-rikors jonqos milli jaghti indikazzjoni xierqa u shiha tal-post ta' residenza jew tan-negozju tal-atturi u l-indirizz professjonali tal-avukat u, jew tal-prokuratur legali taghhom;
    e. Ai termini ta' Artikolu 178 r-rikors kellu jkun iffirmat minn avukat;

2. Illi Artikolu 401(6) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi "ir-rikors ghandu, taht piena ta' nullita', jghid b'mod car u fil-qosor ix-xorta tal-oggezzjoni, l-fatti li minnhom inqalghet l-oggezzjoni, ir-ragunijiet ghaliex dik l-oggezzjoni ghandha tkun milqugha, u t-talba li l-penali ma tkunx dovuta skont il-ligi jew tkun dovuta skont il-ligi f'ammont izghar". Ir-rikors odjern ma jipprovdix ghal hafna minn dawn ir-rikweziti mehtiega skont il-ligi u dan kif ser jigi spjegat hawn taht.
3. Illi fir-rikors promotur David Jones bhala l-uniku direttur tal-kumpannija jsemmi l-fatt illi huwa fil-frattemp qieghed jipprova tramite s-socjeta' KPMG jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu vis-a-vis dak li jitlob minnu l-Att dwar il-Kumpanniji. Indirettament ghaldaqstant l-imsemmi direttur qieghed jammetti li ma mexiex skond il-ligi ghal diversi snin u ghalhekk qieghed jipprova jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu u dan juri li l-penali huma kjarament dovuti skont l-imsemmi Att;
4. Illi s-somma ta' elfejn mitejn sitta u tletin euro u erbgha u tletin centezmu (€2,236.34) hija dovuta bhala hlas ghal penalitajiet inkorsi ghaliex ma gewx sottomessi l-prospetti annwali skont kif jitlob l-Artikolu 184 ta' Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Illi l-ahhar illi gie registrat prospett annwali tas-socjeta' attrici kien fit-12 ta' Dicembru tas-sena 2003;
6. Illi d-dritt li r-Registratur tal-Kumpanniji jista' jimponi penali johrog mill-Artikolu 184(3) tal-imsemmi Kapitolu li jipprovdi illi fin-nuqqas ta' tharis tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 184, kull ufficjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jkun suggett ghal penali, u, ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali ohra;
7. Illi l-penalitajiet mahruga ma jeccedux il-massimu stabbilit skont il-Hdax-il Skeda tal-imsemmi Kapitolu;
8. In piu', l-ahhar kopji tal-kontijiet annwali tas-socjeta' attrici, illi l-atturi huma obbligati jissottomettu kull sena skont l-Artikolu 183 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta, kienu dawk tas-sena 1999 u allura mhux talli s-somma msemmija hija dovuta izda talli hemm 'il fuq minn €6,000 f'penali diga' mahruga, li bihom id-direttur kien notifikat bil-posta fl-indirizz illi pprovda r-rikorrent Jones meta inkorpora l-kumpanija in kwistjoni. Dawn il-penali fil-fatt qeghdin jizdiedu kuljum, kif jipprovdi l-Kapitolu hawn imsemmi.
9. Illi kontarjament ghal dak li jidher li qed jinghad mir-rikorrenti, l-avviz bil-miktub hekk kif notifikat b'ittra ufficjali jikkostitwixxi titolu ezekuttiv skont l-Artikolu 401(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji;

10. In vista tas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;
11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat li fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2014 gie verballizzat hekk: *"Dr. Marie Elise Agius fuq domanda tal-Qorti tiddikjara li r-rikors promotur sar a bazi tal-Artikolu 401 tal-Att dwar il-Kumpaniji"*

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2014 gie verbalizzat hekk: *"L-Avukati difensuri qeghdin bi ftehim bejniethom jezentaw lill-Qorti milli tiddeciedi dan ir-rikors fi zmien hamest ijiem ta' xoghol mid-data stabbilita ghas-smiegh originali tar-rikors ai termini tal-Artikolu 401(13) tal-Att dwar il-Kumpaniji u jaqblu illi dawn il-proceduri jigu aggornati sabiex jigu trattati l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet fir-risposta guramentata tar-Registratur tal-Kumpaniji li huma eccezzjonijiet preliminari dwar in-nullita tar-rikors promotur."*

Rat li fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2014 saret it-trattazzjoni tal-avukati difensuri fuq l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet fir-risposta guramentata tar-Registratur tal-Kumpaniji u l-kawza giet differita ghas-26 ta' Mejju 2014 ghas-sentenza dwar dawn l-ewwel zewg eccezzjonijiet.

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2014, din il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u ssollevat *ex officio* il-kwistjoni jekk hi kienitx kompetenti *ratione materiae* tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri in vista tal-fatt li l-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386) jippreskrivi illi *"(1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, il-kliem li ġejjin għandhom it-tifsir hawnhekk mogħti lilhom -"qorti" tfisser il-Qorti Ċivili, Prim'Awla,"* u iddiferiet il-kawza sabiex l-avukati difensuri jittrattaw din il-kwistjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri dwar il-kwistjoni tal-kompetenza *ratione materiae* sollevata minn din il-Qorti *ex officio*.

Ikkunsidrat:

F'dawn il-proceduri, ir-rikorrenti qed jippruvaw jattakkaw it-titolu ezekuttiv ottenut mill-intimat Registratur tal-Kumpaniji, permezz ta' ittra ufficcjali datata 13 ta' Marzu 2014 fl-ismijiet premessi ipprezentata quddiem din il-Qorti u mibghuta ai termini tal-Artikolu 401(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji. F'din l-ittra, ir-Registratur intimat, interpella lir-rikorrenti f'dawn il-proceduri sabiex ihallsu is-somma ta' €2,236.34, bhala penali amministrattiva, ghar-ragunijiet moghtija fl-istess ittra ufficcjali u fid-dokumenti annessi maghha.

L-Artikolu 401 jippreskrivi *inter alia* hekk:

*"(4) Avviż kif imsemmi fis-subartikolu (3) għandu, man-notifika ta' kopja tiegħu bil-mezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna murija fl-avviż, jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u l-finijiet kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kemm-il darba dik il-persuna fi żmien tletin jum mid-data ta' dik in-notifika ma tibdix proċedimenti quddiem il-qorti fejn toġġezzjona għall-penali hekk stabbilita.*

*(5) Meta xi persuna tkun tixtieq tibda proċedimenti biex toġġezzjona għal penali imsemmija fis-subartikolu (3), dawk il-proċedimenti għandhom jibdew b'rikors kontra r-Reġistratur."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Issa l-abbli avukat tar-rikorrenti iddikjarat li r-rikors promotur ta' dawn il-proceduri sar a bazi tal-Artikolu 401 tal-Att dwar il-Kumpaniji.

Pero l-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386) jippreskrivi illi *"(1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, il-kliem li ġejjin għandhom it-tifsir hawnhekk mogħti lilhom - … … "qorti" tfisser il-Qorti Ċivili, Prim'Awla,"*. Ghalhekk, abbazi ta' din id-definizzjoni, l-

proceduri sabiex jigi ikkontestat it-titolu ezekuttiv tar-Registratur ottenut taht l-Artikolu 401(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji jistghu isiru biss quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, indipendentement mill-ammont tal-penali pretiz mir-Registratur.

Apparti li l-kliem tal-legislatur huwa car, il-Qorti hija konfortata li din hija l-interpretazzjoni korretta bid-disposizzjonijiet ta' zewg subincizi ohra tal-Artikolu 401.

L-ewwel wiehed huwa is-subinciz 14 tal-Artikolu 401 tal-Kapitolu 386 li jippreskrivi illi *"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dwar provedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandhom japplikaw dwar kull rikors bhal dak."* (sottolinear ta' dina l-Qorti). Fit-test Ingliz dan is-subinciz 14 tal-Artikolu 401 jaqra hekk: *"Saving the preceding provisions of this article, the provisions of the Code of Organisation and Civil Procedure relating to proceedings before the First Hall of the Civil Court shall apply in relation to any such application."* (sottolinear ta' din il-Qorti. Huwa ovvju li hemm kunflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliz, ghaliex filwaqt li t-test Malti jirreferi ghal *"provedimenti",* it-test Ingliz jirreferi ghal *"proceedings"*. L-Artikolu 2(7) tal-Att dwar il-Kumpaniji jippreskrivi illi *"F'dan l-Att u f'kull regolamenti maghmula bis-sahha tieghu, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Ingliz u t-test Malti, jipprevali t-test Ingliz."* Ghaldaqstant, fil-kaz odjern, huwa it-test Ingliz tal-Artikolu 401(14) li ghandu jipprevali.

L-Artikolu 401(14) jaghmilha cara li fil-kaz li jsir rikors biex jimpunja ittra ufficjali ezekuttiva tar-Registratur intimat, bhal fil-kaz odjern, ghandhom jigu segwiti id-disposizjonijiet tal-Kodici ta' Procedura Civili dwar il-*"proceedings before the First Hall of the Civil Court".* Il-procedura quddiem din il-Qorti hija wahda sommarja.[1] Huwa anomalu li jigi argumentat li l-legislatur ta lil din il-Qorti il-kompetenza biex tiehu konjizzjoni ta' rikors simili, u imbaghad jobbligaha taddotta l-proceduri applikabbli quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

L-abbli difensur tar-rikorrenti fit-trattazzjoni orali ghamlet enfasi fuq is-*saving clause* li hemm fil-bidu tal-Artikolu 401(14) u cioe mill-kliem *"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu."*

[1] Ara Artikolu 171(2) u 215 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Minn dak li setghet tifhem din il-Qorti, ghax is-sottomissjoni orali saret b'mod mill-aktar lakoniku, id-difensur tar-rikorrenti qed tissottometti li din is-*saving clause* tfisser li l-legislatur ma kienx qed jidderoga mid-disposizzjonijiet generali tal-Kodici tal-Procedura Civili, li bhala regola il-qorti kompetenti tigi determinata skont il-valur pretiz, ghaliex b'din is-*saving clause* il-legislatur kien qed jidderoga minn dak li jinghad fl-Artikolu 401(4) li jghid li r-rikors irid isir quddiem *"qorti"* u skont l-Artikolu 2 il-kelma *"qorti"* tirreferi ghall-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Frankament ghal din il-Qorti, din is-sottomissjoni assolutament ma taghmilx sens. Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva li din is-*saving clause* tghid *"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu"*, cioe l-Artikolu 401, mhux "tas-sub-artikoli ta' dan l-artikolu". Allura, din is-*saving clause* qed thalli impregudikati d-disposizzjonijiet fl-Artikoli minn 1 sa 400, li jigu qabel l-Artikolu 401, u bl-ebda mod mhu qed tirreferi ghas-subartikoli tal-istess Artikolu 401. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss jigi accettat li din is-*saving clause* qed tirreferi ukoll ghas-subincizi (1) sa (13) tal-Artikolu 401, fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan jista' ifisser biss, li safejn il-procedura tal-Kodici ta' Procedura Civili quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, mhix modifikata bid-disposizzjonijiet tas-subincizi (1) sa (13) tal-Artikolu 401, allura ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici fuq il-procedura quddiem il-Prim'Awla. Pero, il-Qorti ma tara l-ebda mod kif jista' jigi validament argumentat li minhabba din is-*saving clause* fl-Artikolu 401(14), id-definizzjoni ta' *"qorti"* fl-Artikolu 401(4) tista' tfisser xi qorti ohra hlief il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

It-tieni disposizzjoni, li tikkonforta lil din il-Qorti, fl-interpretazzjoni taghha, huwa is-subinciz (17) tal-Artikolu 401 tal-Kapitolu 386 li jippreskrivi illi *"Appell minn decizjoni tal-qorti fuq rikors imsemmi fis-subartikolu (5), ghandu jsir bil-mezz ta' rikors ipprezentat fil-Qorti tal-Appell fi zmien sitt ijiem tax-xoghol mid-data tad-decizjoni … …"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Ghalhekk appell mid-decizjoni dwar ir-rikors irid isir quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kompetenza superjuri taghha (cioe komposta minn tlett imhallfin), ghaliex altrimenti dan is-subinciz kien jghid li l-Qorti tal-Appell ghandha tkun komposta kif provdut fl-Artikolu 41(6) tal-Kodici ta' Procedura Civili (cioe komposta minn Imhallef wiehed). Ghalkemm jista' jkun li ghadhom jezistu xi eccezzjonijiet, appelli minn din il-Qorti normalment jinstemghu mill-Qorti tal-Appell fil-kompetenza inferjuri taghha, u mhux mill-Qorti tal-Appell fil-kompetenza superjuri taghha. Huma l-appelli minn sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili li jinstemghu mill-Qorti tal-Appell fil-kompetenza superjuri taghha.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tar-rikorrenti issottomettiet li l-Artikolu 401(17) jirreferi ghal "Qorti tal-Appell" biss, u konsegwentement din il-Qorti tista' tisma' l-appell kemm fil-kompetenza superjuri kif ukoll fil-kompetenza inferjuri taghha. Din il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni. Meta l-legislatur jkun irid li l-appell jinstema' mill-Qorti tal-Appell kompetenza inferjuri taghha, cioe' komposta minn imhallef wiehed, dan jghidu specifikatament, ara per ezempju Artikolu 49 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kapitolu 12), l-Artikolu 24(2) tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kapitolu 69), l-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kapitolu 88), u l-Artikolu 41(6) tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghall-Izvilupp (Kapitolu 504). Meta l-legislatur ried li l-appell jista' jsir kemm lill-Qorti tal-Appell fil-kompetenza superjuri taghha u kemm fil-kompetenza inferjuri taghha, dan ukoll qalu espressament – ara per ezempju l-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kapitolu 490) li jippreskrivi hekk:

*"22. (1) Kull parti fil-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Dritt ta' appell. Reviżjoni Amministrattiva li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni ta' dak it-Tribunal tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kompetenza tagħha superjuri jew dik inferjuri.*

*(2) Il-kompetenza tal-Qorti tal-Appell biex tisma' u tiddeċiedi appell minn deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tkun dik stabbilita fit-Tieni Skeda: … …"*

Ghalhekk, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, la darba fl-Artikolu 401(17) tal-Att dwar il-Kumpaniji, il-legislatur jirreferi *sic et simpliciter* ghall-*"Qorti tal-Appell"*, dan jista' biss ifisser li l-legislatur qed jirreferi ghall-Qorti tal-Appell fil-kompetenza superjuri taghha.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tar-rikorrenti issottomettiet ukoll li r-rikorrenti bil-fors kellhom jintavolaw ir-rikors promotur fir-registru ta'din il-Qorti, ghaliex l-ittra tar-Registratur intimat li qed tigi impunjata giet intavolata fir-registru ta' din il-Qorti u li jekk ghall-grazzja tal-argument, din il-Qorti hija inkompetenti *ratione materiae* li tiehu konjizzjoni tar-rikors promotur, l-ittra ufficcjaliipprezentata mir-Registratur intimat hija nulla ghax din giet intavolata fir-registru ta' din il-Qorti meta kellha tigi intavolata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Apparti l-fatt li din il-Qorti ma tistax tesprimi opinjoni fuq il-validita tal-ittra ufficcjali ipprezentata mir-Registratur intimat, la darba hija inkompetenti *ratione materiae* li tiehu konjizzjoni ta' dawn il-proceduri, kif sewwa irrilevat l-abbli difensur tar-Registratur intimat ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lir-rikorrenti milli jintavolaw ir-rikors promotur taghhom quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, u hemm jeccepixxu li n-nullita tal-ittra ufficcjali in kwistjoni ghaliex giet intavolata quddiem din il-Qorti, meta kellha tigi intavolata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddikjara li hija inkompetenti *ratione materiae* milli tkompli tiehu konjizzjoni ta’ dawn il-proceduri, u filwaqt li tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni taghhom, tordna l-kancellament taghhom minn fuq il-lista taghha.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu supportati mir-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------